# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta ħamis, barra minn ħamis ix-Xirca u Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel tagħlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Appostulat tat-Talb* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Dŭardu Galea (str. Cristoforu, numru 174).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. IL ĦAMIS, 20 TA ĠUNJU, 1912. NRU. 19.


*Inbiercu b' kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, għax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. Arciskof u Iskof.

## Għaliex l'atei jiċħdu L'ALLA?...

Din chienet il mistoksija li biha spiċċa l'articlu *Tilfu rashom*, li deher ftit ilu fuk dan il ġurnal; illum, immela, għandi inŭieġeb għaliha, ħalli inżomm chelmti għall gid ta ħuti il Maltin.

U il *għaliex l'Atei jiċħdu l'Alla*? Mhux jeŭŭilla għax tilfu rashom? Il għaliex chiecu ma tilfuhiex, u ma ħalleŭx li f'rashom minn f'loc ir-raġuni jidħlu il passionijet, il pregiudizzi, is-suppervja, ir-rispett uman, chiecu ma chienux jaslu sa haŭn. L'*ateiżmu*, (jigifieri dic li scola li tiċħad l'Alla) deher meta il bniedem ħalla l'Alla biex joffendieħ, u meta kabillu li Alla ma jinsabx, ħalli icun jista jidneb, almenu mingħajr il beżgħa tiegħu, u mingħajr dic ix-xi-ħaġa li iddejjkec tas-seŭ, u li aħna ngħidulha il biża tal infern. U araŭ chif l'*Atei*, meta jiċħdu l'Alla, ma jirraġunaŭx.

Chiecu jigi ŭieħed u ighidilcom: Ħarsu lejn dan il palazz, chemm hu sabiħ, lejn daŭn l'inqûatri, xi ġmiel fihom, lejn dan l'arloġġ, x'irfinizza ta xogħol, ta roti. Cunu afu li dan il palazz ħadd ma bnieħ, li daŭn l'inqûatri ħadd ma pinġihom, li dan l'arloġġ ħadd ma ħadmu; daŭn collha saru uħudhom, tafux; minn rajhom, hecc. Chiecu tisimgħu hecc, għandcom elf raġun li iċċakalku rascom u tgħidu: Mischin, dan tilef moħħu; għax cullħadd jaf ben tajjeb li il palazz jitlob l'architett, li l'inqûatri jitolbu il pittur, li l'arloġġ jitlob l'arluġġar; u li il cobor tal architett, tal pittur u tal arluġġar jidher fl'opri taħħom. Issa l'*Atei* ma jirraġunaŭx aħjar minn dan meta jiċħdu l'Alla; għaliex huma jaraŭ kuddiem għajnejhom l' opra sabiħa li ħarġet mn'idejn Alla l'imbierec, jigiefieri is-Sema u l'art u cull ma jinsab fihom, u għal-chemm jaraŭ dan collu, meta jiċħdu l'Alla icunu ighidu li dan il ġmiel collu sar ŭaħdu, cumbinazjoni. U daŭn tgħid li huma f'sessihom? La ma humiex f'sessihom, għandna jeŭŭilla natu cas tal ħmerijet li ighidu? L'*Atei* ma humiex imgienien biss, huma nies ħżiena, daŭc in-nies ħżiena li minnhom tħaddet li Spiritu is Santu fis-Salmi b'daŭn il chelmiet: *Kal l'ibleħ f'kalbu, ma hemmx Alla* (Salm 13 u 52 v. 1). Dic il chelma *ibleħ* rajna l'aħħar darba li tfisser bniedem ħażin. Mela, mal ħżiena għandna nagħmlu żeŭġ ħŭejjeġ, l'eŭŭel nett naħarbuhom, biex ma niħżienux aħna ucoll; it-tieni, nitolbu ll'Alla għalihom, ħalli jifthilhom moħħom u imissilhom kalbhom, biex jagħarfu u iħobbu il Dac li ċaħdu.

Aħ, chiecu daŭc li jiċħdu l'Alla chellhom rashom f'locha, chiecu chienu ighidu dac li kal Voltaire, li ma chienx ibati b'li scrupli: *Jecc l'arloġġ juri l'arluġġar, jecc li palazz juri l'architett, chif katt l'univers ma jurix il Għerf ta bla tarf?*

Haŭn xi ħadd li jista ighid li kiegħed niżbalja?

Taf x'naf ngħid, li l'akûa għorrief, il veri għorrief, daŭc li għadhom jissemmeŭ għal għerfhom, collha, collha emmnu f'Alla. Ma hemmx bżonn insemmuhom, għax b'isimhom biss nistgħu nimleŭ mhux ġurnal ŭieħed; imma dnub li ma insemmux il Copernicu, il Kepler, il Galileŭ, il Newton, il Bacon li kal li *daŭc biss jiċħdu l'Alla, li għandhom interess li Alla ma jinsabx*; il Pascal, il Leibnitz, il Linneŭ, il Baarhaave, il Fontanelle, il Haller, il Buffon, il Volta, l'Oersted, il Davy u tant oħrajn, Cattolici u Protestanti, li ħdejhom certi għorrief ta 'llum huma bħal mużbieħ il-lejl ħdejn id-daŭl tax-xemx.

Ma nistax ma nispiċċax bil cliem li La Bruyere ighid fil Cap. *Des Esprits Forts.* "Je voudrais (ighid dac il għaref) entendre un homme sobre, moderè, chaste, équitable, prononcer qu' il n'y a point de Dieu; il parlerait sans intèrit; MAIS CET HOMME NE SE TROUVE POINT."

Daŭn il chelmiet bil Malti ifissru, jecc fhimthom tajjeb: "Jen irrid nisma bniedem tal-kies, cast, tajjeb u li ma jitħaddetx bil passjoni, ighid li Alla ma jinsabx, għax dan icun jitchellem mingħajr interess; *imma dan il bniedem ma jinsab katt.*" A rivederci. DUN MANŨEL.

### X'in huma jagħmlu il Kassisin?...

Bosta ma jafux ħlief ilabalbu contra il Kassis, ighidu li hu xħiħ u li ma ifittixx ħlief dac li jakbillu. Hu dan veru? Għax ma jatux daŭn it-talin dakka ta għajn ma dŭarhom u jaraŭ chemm gid kiegħdin jagħmlu bosta u bosta minnhom, mingħajr biss id-dell tal interess? Daŭc li ighaddu in-nofs tan-nhar u xi dakkiet il ġranet sħaħ geŭŭa il cunfissjunarju, u jinseŭ ħŭejjiġhom u lilhom stess, x'in huma ta dan jakelgħu ħlief il ħlas t'Alla? U xi klieħ jistenneŭ ħlief ta erŭieħ? U daŭc l'oħrajn, li għall grazzja t'Alla ma humiex ftit, li issibhom mogħtija għall predicazjoni, minn pulptu nieżlin u fuk ieħor tielgħin, tista tgħid mingħajr ebda ħlas materjali, għax li Stituti u xi Cnejjes ma jatu xejn, għax fokra, u dac li jatu l'oħrajn jista jissejjaħ actarx *elemosina* milli ħlas, għax m'hux biż-żejjed għal għajxien ta ġurnata, xi flus kiegħdin ireccnu?

Xi ngħidu minn tant oħrajn ħabrieca u ħaddiema, li, mingħajr ħlas ta xejn, ħlief t'Alla, ikattgħu l'aħjar siegħat tal ġurnata fit-tagħlim tad-*Duttrina* lit-tfal? X'in hu jagħmel il Kassis? jistaksu uħud, mimlija bl'odju jeŭ bil għira għaliħ? Kiegħdin jagħmlu dac il gid li ma tistgħux, jeŭ ma tridux tagħmlu intom. Kiegħdin irabbulcom l'uliedcom fil biża t'Alla u igħallmuhom jobducom u jirrispettaŭcom. Kiegħdin inisslu fi klubhom il virtù u ibiegħeduhom mit-tħassir u mil ħażen. X'għandu x'jagħmel il Kassis? huma jistaksu. F'hiex igħaddiħ iż-żmien? Hu bniedem għażżien, dejjem kiegħed. Jecc, o ilsien ħażin, tħares lejn il Kassis fid dar u fil Cnisja, issibu bosta drabi mal ġurnata u mal-lejl ucoll, għax xi dakkiet binhar ma icollux żmien, bil ctieb f'idu ighid l' *Uffizzju*; u jecc ma tafx dan x'in hu, jen ngħidlec li l'Uffizzju hu talba tŭila ta xi siegħa u qûart, u bosta drabi iżjed, li il Kassis hu obbligat ighid cull jum taħt dnub mejjet; u dana biex ifaħħar l'Alla f'lococ, biex jitlob għalic u jaklagħlec grazzi. Trid taf iżjed? Il Kassis għandu ucoll ħsieb tal morda u dan imissec tafu int ucoll: għax meta, għada, pitgħada, taka int marid, u il marda tiegħec tcun għall meŭt, naħseb jen li tibgħat int ucoll għall Kassis u ma tridux iŭarrab minn ħdejn rasec. Iżjed: tant drabi, il Kassis hua mitlub jati pariri tajjba, jeŭ li jindaħal iseŭŭi xi għedeŭŭa bejniethom, iŭiddeb xi oħrajn li icunu tbiegħdu mit-triek tas-seŭŭa u tattieba. Il Kassis, xbiha ta Gesù ir-Ragħajj it-tajjeb, tant drabi u għal tant żmien

jaħtieġlu jiġri ŭara in-nghajġa mitlufa biex jirnexxilu isibha u ireġġaħha ghall merħla.

Il Kassis ghandu ucoll ħsieb il Cnisja. Hu irid jaħseb iżommha chif jixrak lid-Dar t'Alla. Hu irid jaħseb biex ighammarha. Hu irid jaħseb ghall festi mkaddsa. U daŭn il ħŭejjeġ collha jitolbu spejjes u somom anche cbar. Mnejn igibhom il Kassis? Jati minn tieghu, jaghmilhom bi flusu, iŭieġbu uħud Imma il Kassis m'hux ghani bħalma jaħsbuħ. Il Kassisin, barra minn xi erbgha, huma fkar u jieclu il lokma li jakalghu.—Iżda b'dan collhu il Kassis jati, joħroġ ucoll minn tieghu, actar milli jaħsbu in-nies, li ghal xi interess taħħom joboghdu il Kassisin u ikassu fukhom. Mela, il ghaliex tant ighidu contra taħħom? nisthajjilcom tghiduli. Nghidilcom ghaliex. Jeŭ il ghaliex ighiru ghalihom, jeŭ ghax chienu minnhom jitimghu xi gid u ma kalghuħx, jeŭ talbuhom xi carità u ma geŭx mismugha (coss il Kassis m'hux xi milord, bħalma ghedna, u ma jistax ighin il cullħadd). Jeŭ ghax dac li icun ma jafx ħlief ighemghem; u bosta drabi id-dritt jaraħ mghaŭŭeġ. Jeŭ, fl'aħħarnett, ghaliex icun jakbillu ighid hecc u forsi icun ucoll imħallas biex ighid hecc. Imma allura, il Kassisin ma ghandhomx difetti? Ghandhom ucoll, ghaliex huma bniedmin bħal bkija, suggetti ghall'iżball. Iżda id-difett tal Kassis jidher ŭisk u jati ŭisk fil ghajnejn; u imħabba in-nukkas ta ŭieħed, jeħel cullħadd.

Nifthu ghajnejna, immela, mil cliem (xi dakkiet imħallas) contra il Kassis; u meta naraŭ xi nukkas tieghu ma ninseŭx il ħidma, ix-xoghol, it-taħbit u il virtù tieghu.

DUN CARM ŻAMMIT.

## Kuddiesa ġdida.

Is Sur Mast Giuseppi Carŭana chiteb kuddisiet oħra chif iridhom il Papa: u, ŭara li Mghallem tieghu, Paŭlin Vassall, li iħobbu daks ghajnejħ, ghax jaf li fehmu u kieghed jaghmillu unur, chien minn tal eŭŭel fost daŭc il ftit li baxxeŭ rashom u kaghdu ghall cmand tal Cap tal Cnisja: imma din il kuddiesa li chiteb l'aħħar, ghall *veru stil sagru*, ghax-xeħta taħħa (collha ta leŭn ŭieħed, mil bidu sat-tmiem), ghall gost u ghan-nisġa, li, minghajr tlellix fieraħ u minghajr titŭil u tiġbid, jimxu, bil kima u bil ħleŭŭa, mal cliem imkaddes, u fuk collox ghall ħsieb gholi u *Mużica tas-seŭ tal Cnisja*, ma tibża minn ebda ŭaħda oħra! Il *Kyrie*, il *Glorja*, il *Credu*, is-*Sanctus* u l' *Agnus Dei* huma ħames frieghi ta siġra ŭaħda: u il ħsieb ta radd ta kima lill Missier, lill' Iben u lis-Spirtu is-Santu, imlibbes b'*armonija sagra* u b'*melodija* xierka ghad-Dar t'Alla, bla *battuta* żejjda u bla *battuta* nieksa, tħossu ghaddejj dejjem mill'eŭŭel sal aħħar chelma. Hemm, imbaghd, moghdijet—bħalma huma il ghalka tal *Kyrie*, il *Cum Sancto Spiritu* tal *Glorja*, il *Passus et sepultus est* tal *Credu*, l'*Hosanna* tas-*Sanctus* u id-*Dona nobis pacem* tal *Agnus Dei*—li, mal genju cbir tal Aŭtur, juru dic il ghakda ta *collox flimchien*, li fil mużica u f'cull opra oħra tissejjaħ il *filosofija* (il gherf) tal cumpożizjoni! U, chif jidhrilna aħna, haŭn kieghed l'acbar ġmiel ta din il kuddiesa, li fiha *tas-seŭ* cull-ma irid il Papa fil Mużica tal Cnisja.

Imma is-Sur Mast Carŭana, barra minn dan il meritu bħala Aŭtur, ŭira ieħor, li biħ compla ghaġġeb lil cull-min jithem, bħala Cuncertatur u bħala Direttur. Difatti, b'ħila cbira, gharaf ighallem il mużica tieghu lil erbghin tifel: u deŭŭeb flimchien daŭc l'erbghin leħen f'leħen ŭieħed, li, issa bil *vuci sħiħa* u issa bil *falsett*, imkassmin bis-sengha collha f'*żeŭġ partijet*, ħareġ minnhom mhux *Cor*, imma *Orgni*: orgni sod u sgur minnu in-nifsu, daks it-tasti tal ħsarmonica li chien jaccumpanjahom biha.

Tas-seŭ li chien ixxurtjat, ghax mhux ghal chemm issib, barra minn *San Ġacbu*, sitt ti tfal oħra li jaghmlu is-*Sulijet* bħall Calderone, bħall Lowell, bħall Cachia, bħall Portelli, bħall Fenech-Soler u bħall Abdilla, hecc ċchejcnin, hecc b'vucijet ta anġli, hecc bravi u li donnhom iħossu f'ruħhom dac li kieghdin ighidu actar mil cbar; mhux ghalchemm issib, barra minn *San Ġacbu*, erbghin tifel hecc qŭieti, hecc attenti, hecc mimlijin bil ħrara li jaghmlu collox tajjeb f'dic innisġa ta cant delicat u imdaħħal *Cor* ġo l'*ieħor*. Geŭ mumenti li xtakna hemm jisimghuhom certi *Suprani* u certi *Baxxi*, biex jaraŭ chif isiru id-*daħliet* u li *sfumaturi*!

Din il Kuddiesa, is-Sur Mast Carŭana taha rigal lil dac il maħbub u imfaħħar *Stitut Cattolicu ta San Ġacbu*: u aħna, mal cliem sabiħ u gholi li biħ irringrazzjaħ ir-Reverendu Canonicu Dun Carm Schembri, Direttur gharef u ħabriechi ta dac li Stitut, fil ŭakt li, fost l'applaŭsi ta cull-ħadd, ippresentalu, ŭara il *Cuncert general*, clamar tal fidda; aħna, li, flimchien ma bosta Sacerdoti u Persuni mill'akŭa, chellna l'unur incunu mistiednin ghal dac il *Cuncert*, irridu inxandru haŭn it-tifħir u il ferħ li jixirku, bil ħakk collu, lis-Sur Mast Carŭana.

Li chellna il ŭisa, conna nitchellmu actar fit-tul fuk il Kuddiesa tas-Sur Mast Carŭana u fuk il *Cuncert general* taħħa, ghax ŭaħda mil ħŭejjeġ li jirriccmanda il Papa fil *Motu Proprju* hi dic li jiġu mghallmin it-tfal biex jaghmlu il *parti tas-Suprani*; u aħna jidhrilna li *Stitut* u *Mastru di cappella* li jatu l'esempju tajjeb ghandu icollhom il kima u il foħrija ta cull-ħadd.

M'hix ħaġa ħafifa tghallem lil ħafna tfal, ghad li bravi u attenti, dic ir-rekka ta cant: u aħna, nghidu is-seŭŭa, malli, kabel ma bida il Cuncert, smajna is-Sur Mast Carŭana *jati l'accordju* bi SCALA UNISONA lill vucijet tat-tfal mal ħsarmonica, ilmaħna ghaddejja minn kuddiem ghajnejna ixxbiha ghażiża ta PATRI URSO, li tàna haŭn Malta l'eŭŭel ħjel ta dan il *Cant tal Genna*. Min jaf s'issa chemm conna incunu morna il-kuddiem f'din il *Mużica tal Cnisja*, jigifieri *Cant bla orchestra*, li ghadha ġdida ghalina, chiecu dac is-Sacerdot ma telakx minn haŭn ħabta-u-sabta, biex, ja ħasra, inkered kasir il ghomor fit-Terremot ta Messina! Imma, f'ħajjet Alla l'imbierea!, iżżerriegha tieghu kieghda tinbet: u is-Sur Mast Carŭana, imżejjen bil genju li taħ Alla u imħarreġ fil gherf u fis-sengha tannoti mil Professur Vassall, li diġà fisser b'sitt kuddiesiet il *Motu Proprju* minn genb ieħor, mil genb tal *Mużica sagra b'orchestra cbira*, sejjer jissocta l'opra 'mkaddsa ta Patri Urso!

Mita naslu cull-imchien fejn ŭasal li *Stitut ta San Ġacbu*, nifhmu seŭŭa chemm hu cbir il ħsieb ta Piju Ghaxra! U m'hux biss nobduħ, b'kalbna sâfja, bħala Vigarju Infallibbli ta Gesù Cristu, imma 'nfaħħruħ ucoll bħala Ragel Gharef.

## Żeŭġ Sunetti.

Ma nistghux ma 'ngibux dan is-Sunett li ħażżiżna aħna, ghad li diġà deher darbtejn oħra, il gimgha il ħarget, fl'*Immaculata* u fis-*Salib*: u ma nistghux ma 'ngibuħx ghal żeŭġ ragjunijet: il ŭaħda, li, mita ctibnieħ, ŭieghedna lir-Reverendu Patri Bastjan li ghandna noħorġuħ fil *Habib*; u l'oħra, li, minghajru, is-Sunett li ghoġbu jiddedicalna l'imfaħħar Patri Bastjan ma jidherx li hu risposta tieghu.

Nittamaŭ, mela, li l'Imsieħbin u il Karrejja taghna ma iħarsux icreħ lejna, jecc illum, l'eŭŭel darba, sejjrin nimleŭlhom rocna minn tal *Habib* b'Sunett li ħażżiżna aħna: u, f'li stess ħin, nistenneŭ li jakraŭ u jixtarru tajjeb is-Sunett l'ieħor li sejjer jidher mieghu, ghax ir-Reverendu Patri Bastjan, Sacerdot gharef u ħabriechi li kieghed imexxi b'ħila cbira u b'gid ta-bla tarf l'*Immaculata*, gharaf tas-seŭ irodd il ħsieb gholi u kaddis tal Poeta Bonuzzi—gieħ u żina tal Ordni tal Cabuccini — b'ħeġġa ta Chittieb minn daŭc li, fil Poeżija bil Malti, jistghu jinghaddu fuk is-sŭaba tal idejn. Xi uħud jidhrilhom li, biex tcun Chittieb u Poeta, jaħtieġ toħlok dejjem minn rasec, imkar frughat; u li it-*traduzjonijet* ma huma xejn. Imm'aħna—bla ma nokoghdu infaccru chemm Chittieba cbar ma 'ssemmeŭx mad-dinja ħlief bit-*traduzjonijet*, ghax actarx nitilfu iżżmien u il ŭisa ghal-xejn—nixtieku ħafna li jiġuna ghall *Habib* TRADUZJONIJET tajjba u kaŭŭija bħal tar-Reverendu Patri Bastjan: basta icunu ta poeżiji cbar fil ħsieb u finnisġa, chif ghażel hu.

I.

### Ir-raj tal bniedem.

SUNETT

TAL POETA CABUCCIN ANDREA BONUZZI
(Padre Giovanni da Verona).

LIR-REV. PATRI BASTJAN, CABUCCIN,
b'rahan ta kima.

Mil gisem tigi 'r-ruħ sicŭit mifnija:
imma isir hecc ghax trid ir-ruħ li trid
u tħoss li f'rajha mn'Alla giet mirħija,
ghalavolja tal gisem fil ħadid.

Jecc ma tekredx ghal collox, tista 'l ħtija,
la tghid u taghmel hi, trażżan ghall gid,
chiecu ftit iżjed milli hi 'mdorrija
tħaddem saħħitha ma kerk il ghafrid.

Naf li 'l gisem u ir-ruħ flimchien midmuma
ma ghandhomx ħajra, u sjuf, u medda ŭaħda,
ghad li f'xulxin imkabbda dejjem huma;

Imma, bir-raj, mit-tajn maghġun bħal gisem
ŭisk actar tista ir-ruħ: u saħħ bla ċaħda
f'cull-min li gharaf jirghen ħalla l'isem.

Nhar Ghid-il-Ħamsin (1912).

G. MUSCAT-AZZOPARDI.

II.

### Taħrab il ħajja!

SUNETT

TAL PATRI CAPUCCIN GIOV: BONUZZI
MIN VERONA

LILL CAV: G. MUSCAT-AZZOPARDI P. L.
B'kima u hajr
tal P. BASTIAN CAPUCCIN.

*La vita fugge e non s'arresta un'ora.*
PETR.

*Taħrab il ħajja*, u ma tiekafx biss, sigha!...
Ha tmur ucoll, u taghha ighib ir-raġġ;
U 'l pellegrin imuassal f'tarf il viaġġ,
Hemm bzonn li l'aħħar sliem bil kalb jatigha.

*Taħrab il ħajja*, u hatt imhabba figha
Mill ġdid katt jidhol f'dana 'l bosc selvaġġ;
U b'hecc jintemm daca 'l pellegrinaġġ
Li b'tant demghat ta mrar hu mar jimligha.

*Taħrab il ħajja*, u aħna ucoll naharbu
Maghha! ma chif ninhallu mill'irbit....?
B'ħarba, li biħa lejn il genna 'nkarbu.

Harba uisk hienja! din ma'ġġib katt ghajja
Bħal dauc l'oħrajn l'isiru b'tant taħbit;
Anzi fis-sema biha insibu 'l ħajja.

*Fesia tal Kalb S. S. ta Gesù 1912.*

Mil LUCERNA TAL ĦAJJA. — 11. Katt taghmel lil ħadd-ieħor dac li ma tridx jaghmlu lilec.

**Fiex it-taljan ma jakbilx mal-malti.**

*(icompli ma' l-ahhar numru)*

Bħala articlu, it-taljan għandu sitt suriet, li huma: *il, lo, la, i, gli, le.* Il-malti għal daŭn is-sitta,għandu sura ŭaħda biss: għandu l-ittra L, li kuddiem cliem jibda bil-consonanti *ċ, d, t, n, r, s, x, z,* jeŭ *ż,* tieħu leħinhom u tinbidel fihom.

Kabel chelma tibda b'vocali, it-taljan mis-suriet *lo* u *la* jnakkar il-vocali u f'locha jkiegħed appòstrofu, bħala sinjal li minn hemm nakset ittra: ara *l'aria, l'orso, l'angelo* li jinchitbu hecc f'loc *la aria, lo orso, lo angelo:* imma l-malti, li minn l-articlu tiegħu ma għandux xi jnakkar u għalhecc appòstrofu ma' l-articlu jcun barra minn locu, biex ma jħallix l-articlu ittra ŭaħda tixxejjer uhidha, u inkas ma jagħmel bħal l-għarbi li jgħakkad l-articlu ħaġa ŭaħda mal-chelma, (*landar, lairu*), jorbtu mal-chelma b'linja żgħira: u dan jagħmlu mux biss kabel chelma tibda b'vocali, imma ŭcoll kabel chelma tibda b'consonanti, u jicteb hecc: *ŭara l-andar, fuk l-andar, ŭara l-bejt, imxi l-ura, ħa' l-isbaħ, aħdmu l-art, ħada l-ħmara, suku l-ħmar, akbdu l-friefet, oktlu l-ġrieden, ŭara ċ-ċajt, ŭara s-sur, akbdu d-dud, akta' z-zcuc.*

Jecc il-chelma ta' ŭara l-articlu tcun tibda b'consonanti ŭara oħra, u l-eŭŭel consonanti tcun *m, n,* jeŭ *għ,* biex din ma titħaxchinx bejn żeŭġ consonanti, tieħu kbilha vocali u ŭakt li nictbu *ħafna mraden, ħafna nfafet, ħafna għasafar,* nictbu nbagħad *l-imraden,l-infafet,l-agħsafar.* Jecc inbagħad dic l-eŭŭel consonanti tcun *l, r, s, b, ġ* jeŭ *t,* il-vocali tista' tidħol seŭŭa kbilha, bħal fil-chelmiet *daŭc l-iltiema, daŭc l-isŭar, daŭc l-irdieden, daŭc l-irjus, fuk l-ibjar, fuk l-ibjut, fuk l-ibliet, taħt l-iġfien, daŭc l-itfal;* chemm ucoll kabel l-articlu, bħal fil-chelmiet *daŭc il-ltiema, daŭc is-sŭar, daŭc ir-rdieden, daŭc ir-rjus, fuk il-bjar, fuk il-bjut, fuk il-bliet, taħt iġ-ġfien, daŭc it-tfal.*

L-articlu jieħu ŭcoll il-vocali kablu (1) meta jcun sejjer jitħaxchen bejn żeŭġ consonanti, bħal fil chelmiet *fuk il-bejt, fuk is-sur, fuk in-nar, taħt ir-ras, chiel il-frott* (2) meta ma jcollu lebda chelma kablu jeŭ jcollu kablu xi ħaġa tal-punteggiatura.

*(Jissocta)* G. VASSALLO.

# Ma dûar il Gżira.

—Il-lejla, fiċ-Cinematografu tal *Unjoni Cattolica,* hemm is-Serata tal PICCOLO FIFIRINO, li, fost il ħŭejjeġ l'oħra, icanta il *Marcia-Fifirina.* Bla dubju xejn, icollu is-Sala mimlija actar minn darba, ghax in-nies miġbudin ŭisk—u bir-ragjun collu—ghal dan it-tfajjel ta tmin snin, li ghandu sentiment ta artista maghmul u cunfidenza cbira mal palcu-xenicu. Biex jaghmel il kalb lil dan it-tfajjel, li ilu mil ftuħ taċ-Circlu icanta fiċ-Cinematografu tal *Unjoni Cattolica,* il Cumitat ħareġ Avviż, fejn talab li, ghal din id-darba, l'Imsieħbin—ghad li, scond ir-Regulamenti, ghandhom il jedd jidħlu fiċ-Cinematografu b'xejn—iħallsu *sitt ħabbiet* cull ŭieħed: u naħsbu li din it-talba jismaħha cull-ħadd. Nittamaŭ, mela, li is-Sur De Sani, missier FIFIRINU, il lejla jibka cuntent mil lakgha li icollu il PICCOLO ARTISTA.

—Chien fiha ghaxka il festa ta SANT'ANTNIN fil Cnisja tar-Reverendi Frangiscani Conventŭali tal Belt. Ŭara id-devozzjoni tat-*Tredicina—tlittax il jum* ta talb ll'Alla, f'gieħ il Kaddis tal miracoli—li fiha, cbar u żghar, sinjuri u fkar, marru iżuru dic il Cnisja, miżmuma tant qŭieta u nadifa fil kalba tal Belt, saret il festa: festa ta ġabra u ta kima, chif titlob u trid ir-Religjon Cattolica. Nghidu biss—ghax dan hu collox ghalina—li f'dic il ghodŭa resku hemm ghat Tkarbin fuk elf ruħ.

—Festa oħra sabiħa, ghax hi ucoll ta devozzjoni cbira, chienet dic tal *Ghakda Mkaddsa tal Kalb ta Gesù,* maghmula mis-Sacerdoti imsieħbin fiha, nhar il gimgha li ghaddiet, geŭŭa *San Ġŭann,* imżejjen bl'arazzi u b'dic is-serietà ta armar li tghaxxak il cull-ħadd. Ŭara ġurnata sħiħa ta adurazzjoni, bis-SAGRAMENT ESPOST dejjem, saret il funzjoni ta filgħaxija, chif imħabbra minn'na; u it-*Te Deum* intunaħ li stess Monsinjur Arci-Iskof, imdaŭŭar bis-Sacerdoti tal *Ghakda Mkaddsa.* Il panigircu bit-taljan ghamlu Monsinjur Gaŭci, li, mimli gherf u ħrara, żamm folla cbira ta nies imsammra kuddiemu fuk siegha, collha imsaħħra b'dac il ġmiel ta tifsir fuk il Kalb ta Gesù. Prosit! U Prosit tas-seŭ!

—Smajna biċċa, li donn'na ghadna ma nistghux nemmnuha. Sinjurina mill' actar rispettabbli, li chienet gejja haŭn Malta ŭara żmien tŭil li chienet ilha nieksa, ghamlet telegramm minn Serkusa lill familja taħħa, biex tmur tilkaħħa fuk il vapur fil ħdax ta bil-lejl: u it-telegramm, li chien maghmul minn hemm fit-3 u nofs ta ŭara nofs in-nhar, ŭasal haŭn fis-7 tal ghada fil ghodu, jigifieri tmien sieghat ŭara li ŭaslet il persuna li ghamlitu! Ħŭejjeġ tad-dinja l'oħra! Forsi, ghax żmien il gŭerra?....

—Nifirħu lis Sur Vicenz Sultana ghaxxoghol sabiħ tieghu, biċċa prosa u biċċa poeżija, li deher fl'aħħar ħarġa tal *Immaculata.* L'argument hu it-*Tàma f'Alla,* collu original u minsuġ fit-tul b'ħeġġa cbira. F'li stess ghadd tal *Immaculata,* krajna ucoll Sunett tieghu lill *Kalb ta Gesù,* li ghoġobna ħafna. Nifirħulu bil kalb collha ghall ŭieħed u ghall'ieħor.

—L'Iskof ta Ghaŭdex, Monsinjur Camilleri, u il Vigarju ta Malta, Monsinjur Canonicu Attard, siefru li stess lejla ghall Ruma, fejn ikattghu xi xahar. L'ghada, sbiħ il gimgha, siefer ucoll l'Iskof Portelli: imma dan ma marx ħlief sa Aci-Reali u raġa giè ilbieraħ tl'ura, biex icun haŭn ghat-tieni lakgha tal Cumitat Esecutiv tal *Cungress Eŭcaristicu,* li sar dic il lejla, il Palazz tal Iskof.

—Lakgha oħra tal impurtanza saret nhar it-tnejn fil ghaxija, fiċ-Circlu *La Giovine Malta,* mil Cumitat Esecutiv tal *Lingŭa taljana,* 'mħabba ir-Rapport tal Cumissjunari li baghat ir-Re: imma fuk dan nitchellmu fit-tul darb'oħra, ghax, chif ghedna fl'eŭŭel ħargiet tal *Habib,* il qŭistjoni tal Lingŭa hi ta rekka cbira.

—Ir-Reverendu Provincjal tal Frangiscani Cunventŭali, li hu il Patri-Majjistru Tonna Barthet, talabna niddichjaraŭ, fl'isem tieghu, li is-Sur De Sani u daŭc l'oħra li chienu incarigati mil ġbir ta sold ir-ruħ, chif ħabbarna gimghat ilu, iccunsenjaŭlu *żeŭġ liri u sittax il xelin;* u li daŭn saru collha kuddies fit-Tredicina u fil Festa ta San-t'Antnin.

—Illum tchellimna ŭisk fuk il festi, ghax ħabtu ħafna ma xulxin u collha minn daŭc li joghġbu lilna, jigifieri festi tad-devozzjoni: imma dic li saret nhar il ħadd, f' li *Stitut ta San Ġacbu,* fejn mijet ta tfal jerdghu il ħalib tar-Religjon u ma jinseŭ katt fi cburithom daŭc is-sieghat imbierca, ma nistghux inħalluha barra. Ŭara Tkarbina tat-tfal collha fil ghodu cmieni, fid-9 kaddes cantat Monsinjur Dun Fons Agius, D.D., u il mużica chienet dic tas-Sur Mast Carŭana, li semmejna band'oħra. Il priedca bit-taljan fuk il *Kalb Imkaddsa ta Marija,* din is-sena, ghamilha it-tfajjel Pantelleresco, li ghaxxak il cull-ħadd bil ħeġġa tieghu: u, biex ma 'ntaŭŭlux, chienet funzjoni li trid tcun bla kalb biex ma tkabbiżlecx id-dmuħ tal hena minn ghajnejc. Id-Direttur ta li *Stitut,* u is-Sacerdoti Operarji, u is-Seculari Catechisti, chif ucoll ir-Reverendu Dun Bert Oletta, Procuratur ta li *Stitut,* u daŭc collha li jaħdmu hemm geŭŭa ghall glorja t'Alla u ghall gid tal Pajjiż, ħakkhom cull kima u cull tifħir, ghax dac hu ġnien li jati l'aħjar xitliet lir-Religjon, lill Patrja u lill Familji, specjalment f'dan iż-żmien tal kerk u tal ħażen.

—Il *Kalb ta Piju Disgha,* tas-Sur Micallef Goggi, ghall gimgha id-dieħla.

—Ilbieraħ tl'ura, fil ħamsa, l'Eccellentissimu Arci-Iskof ghoġbu jonura iċ-Cinematografu tal *Unjoni Cattolica* bil presenza Tieghu. Saret Rappresentazzjoni Ghaliħ u ghan-Nies ta ma dŭaru: u, kabel ma ħareġ, raġa faħħar ferm iċ-*Circlu* u il Cumitat tieghu.

# Ma dûar id-dinja.

—Ŭara tant żmien, it-Taljani b'cotra cbira ta suldati imxeŭ fi Tripli fuk l'öasi ta Żanżur u ħaduha: imma it-Toroc u il Gharab mis-sebħ sa inżul ix-xemx iccumbatteŭ b'ħilthom collha. Il General Caneva gharraf lil Gvern tieghu li chellu 31 mejjtin u 263 feruti, mentri jaħseb li it-Toroc chellhom tal-inkas elf mejjtin u numru bil bosta cbir ta feruti.—Naħsbu li in-numru tal mejjtin u feruti Taljani hu imnakkas u dac ta Toroc miżjud.

—Takbida oħra ġrat f'Homs, mita it-Toroc u il Gharab ħin bla ŭakt ġreŭ fuk it-Taljani; iżda daŭn kasmuhom fi tnejn u ħarrbuhom ŭara li tilfu mal 500 ruħ.—It-Taljani chellhom 29 mejjtin u 57 feruti.—It-Torc minn mument ghal ieħor jistenna li it-Taljani jieħdu il gżejjer ta Lemnos, Mitilene u Kios u jinżlu Żmirni: ghaldakstant hu baghat f'din il belt numru cbir ta suldati.

—Id-Duchissa ta Cannought mhux biss ħarget mil biża tal meŭt: iżda sejjra dejjem ghall'aħjar.

—Is-Sultan ta Sassonja fil ŭakt li chien jispezjona il Cavallerija ŭaka biż-żiemel tieghu u ŭaġġa bosta riġlu il lemin u ghaldakstant chellhom jieħduħ f'aŭtomobbli il villa tieghu.

—Fin-numru l'ieħor ghedna li, Wollersdorf, fl'Aŭstrja, ħedet in-nar porvlista: nakraŭ issa li ħadet in-nar oħra, iżda, din id-darba, nizżu ħajr ll'Alla, kadd ma baka mejjet. Jaħsbu li taha in-nar apposta bniedem liebes ta fizzjal, li karrak bil ghassa, ghax taha il chelma tal kaddis. Ŭara ħadd ma raħ iżjed.

—Nakraŭ fit-*Temps,* ġurnal franciż, illi il vapur *Ville de la Ciudad* daħal Marsilja b'żeŭġ cażi suspetti tal pesta, u taŭħ pratca ŭara li ipprofumaŭħ. U dana hu minnu, ghax giè iccunfermat mil Ministru.

—M'illum il kuddiem nistghu inħallu it-trabi ŭieħidhom fin-nieka, ghax mita jistenbħu u jibcu, isibu min irakkadhom.—Sabu li jecc jitkieghdu certi folji irkak tal metall ma dŭar in-nieka u daŭna jiġu iccumunicati b'fîl elettricu ma fonografu, malli it-tarbija tibda tibchi, il vuci tħabbat fuk daŭc il folji, li bit-trieghid taħħom iġaghlu il fonografu ighanni ghanja bħan-*Ninni-Nanna,* li ħeluħelu tàrġa trakkad it-tarbija—u malli din torkod, il fonografu jiscot ucoll.—Dina hi ħaġa tajjba ŭisk ghall'ommijet, ghax ma tûl il jum jistghu icomplu jaghmlu il facendi tad-dar u fix-xitŭa ma ghandhomx bżonn jinżlu mis-sodda u jirżħu bil bard: jifirħu, mela.

—Inginier tal baħar, ingliż, ghamel

